



Brussell, 6 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8601/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0016(COD)**

**CODEC 579
AGRILEG 59
SEMENCES 11**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-Bolivja fuq għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali u tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra prodotti fil-Bolivja (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

t

1. Fis-27 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni¹ bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 43 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2022².
3. Fil-5 ta' April 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 5742/22

² Għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU.

³ 7834/22

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 10/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
